# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2015**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Guramentat Numru : 942/2015/LSO**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1544/15JPG mahrug fit-30 ta' Settembru 2015 fl-ismijiet:-**

**Digital Interactive Limited [C53835]**

**vs**

**Ilead Solutions Limited [C59752]; u Joseph Aquilina [K.I. nru. 581863M]; u Mark Aquilina [K.I. nru. 190773M]; u Patrick Cutajar [K.I. nru. 142371M]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Joseph Aquilina (ID. 581863M), Mark Aquilina (ID. 190773M), Patrick Cutajar (ID. 142371M) u iLead Solutions Limited (C59752) datat 5 ta' Ottubru 2015 fejn esponew: -

Illi dan ir-rikors qieghed jigi pprezentat b'urgenza sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju surreferit li nhareg fuq talba tas-socjeta' Digital Interactive Limited (C53835) sabiex tikkawtela, skont hi, is-sorti ta' mija u elf, mitejn sitta u disghin ewro u sitta u tletin centezmu (€101,296.36), somma li skont hi tikkawtela t-talba taghha maghmula fir-rikors guramentat ipprezentat kontestwalment mar-rikors;

**Il-mandat fil-konfront ta' Joseph Aquilina (ID. 581863M), Mark Aquilina (ID. 190773M), Patrick Cutajar (ID. 142371M)**

Illi jinghad mill-bidu nett illi dan il-mandat m'huwa xejn hlief attakk sfrenat, selvagg u abbuziv li permezz tieghu s-socjeta' sekwestranta bl-iktar mod dizonest u sfaccat qieghda tipprova ggib gharkubbtejhom lil persuni li m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika maghha, u cioe` lid-diretturi (u lill-familji taghhom) prezenti tal-kumpanija iLead Solutions Limited li kienet (**hi u mhux id-diretturi personalment)** dahlet fi ftehim ma' Digital Interactive

Limited fit-13 ta' Settembru 2013, liema ftehim huwa l-bazi tar-rikors mahluf ipprezentat mill-istess socjeta';

Illi jezistu cirkustanzi lampanti, *prima facie*, illi dan il-mandat ghandu jigi revokat minn din l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex *prima facie* ma' hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn Digital Interactive Limited (il-parti li harget il-mandat) u s-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar u ghaliex dawn l-istess sekwestrati ma' jistghu qatt ikunu legittimi kontraditturi f'tali mandat u/jew fil-kawza li giet institwita;

Illi l-provi *prima facie* li gew esebiti mar-rikors mahluf innifsu (anness ma' dan il-mandat) jikkonsistu fil-kuntratt tat-13 ta' Settembru 2013. Dan il-kuntratt gie ffirmat mis-socjeta' Digital Interactive Limited bhala venditrici u mis-socjeta' sekwestrata iLead Solutions Limited bhala kumpratrici, debitament rapprezentata dak iz-zmien mid-diretturi Tonio Farrugia, Joseph Aquilina u Patrick Cutajar. Jidher car mill-istess kuntratt illi s-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar fil-vesti taghhom personali ma' dahlu ghall-ebda obbligi peress illi tnejn minnhom (i.e. Joseph Aquilina u Patrick Cutajar) kienu qeghdin jagixxu biss **ghan-nom** ta' iLead Solutions Limited, filwaqt li s-sekwestrat l-iehor, Mark Aquilina, anqas biss deher fuq il-kuntratt;

Illi s-socjeta' sekwestranta kienet taf sew bil-kapacita` li fiha s-sekwestrati Joseph Aquilina u Patrick Cutajar kienu qeghdin jiffirmaw mhux l-anqas ghaliex in-Nutar Dr. Joseph

Smith La Rosa, li quddiemu gie redatt il-ftehim, kien fisser il-kontenut tal-istess ftehim b'mod car lill-partijiet qabel ma' dawn issenjalaw il-kunsens taghhom permezz tal-firma;

Illi *ai termini* tal-Artikolu 67 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, *"Kumpanija tkun iffurmata bil-mezz ta' kapital maqsum f'azzjonijiet miżmuma mill-membri tagħha. Ir-responsabbiltà tal-membri tkun limitata għall-ammont, jekk ikun hemm, li ma jkunx tħallas mill-azzjonijiet rispettivament miżmuma minnhom"*;

Illi dan l-artikolu qed jigi citat mis-sekwestrati proprju 'l ghaliex huwa l-artikolu li fuqu s-socjeta' sekwestranta tibbaza l-kawza taghha kontra l-istess sekwestrati. Fil-fatt dak li essenzjalment qieghda titlob is-sekwestranta f'dik il-kawza hija li din l-Onorabbi Qorti tgholli 'l hekk imsejha *corporate veil* u tnehhi l-"privilegg" ta' responsabilita` limitata li "jgawdu" s-sekwestrati fil-kumpanija iLead Solutions Limited;

Illi madanakollu huwa bil-wisq car illi tali artikolu japplika biss ghall-**membri** ossia azzjonisti u mhux ghad-diretturi ta' kumpanija. L-ebda direttur fil-fatt ma jgawdi mill-privilegg moghti mill- Artikolu 67 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif jidher car mid-dokument anness u mmarkat bhala **"Dok Rev-1"**, l-ishma tas-socjeta` sekwestrata iLead Solutions Limited huma mizmuma minn erba' persuni li la huma parti minn dan il-mandat u lanqas ma huma parti mill-kawza, u cioe' EUAF Business Services Ltd, Target I.T. Limited, ISL (Marketing) Limited u Omar Said. Dan ifisser illi *dato ma non concessso* illi b'xi mod is-socjeta` sekwestranta

jirnexxiela tikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti (diversement presjeduta) sabiex tgholli l-*corporate veil,* is-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar xorta wahda ma jistghux jinstabu responsabbli personalment galadarba huma m'humiex membri jew azzjonisti fis-socjeta` iLead Solutions Limited;

Illi inoltre huwa ben risaput li huwa biss f'kazijiet rari hafna u eccezzjonali illi l-Qrati taghna (u kif ukoll dawk tar-Renju Unit) jilqghu talba sabiex jigi mgholli l-*corporate veil* ta' kumpanija u sabiex jinstabu personalment responsabbli l-individwi li jiffurmawha **u certament mhux fic-cirkustanzi deskritti fil-kawza li giet intavolata**. Ghalhekk cioe' *nonostante* anke li kieku s-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar verament kienu l-membri tal-kumpanija iLead Solutions Limited zgur mhuwiex il-kaz li s-socjeta` sekwestranta kienet responsabbli meta talbet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru *de quo* kontrihom meta jidher car illi din ghamlitha fatta u anticipat minn qabel li l-membri tal-kumpanija sejrin jinstabu personalment responsabbli ghall-obbligi tal-istess kumpanija, xi haga li rari immens li ssir!

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jinghad ukoll illi dak li qieghed jigi allegat mis-socjeta' sekwestranta, u cioe' illi s-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar "abbuzaw u/jew kienu kompartecipi" f'xi abbuz mill-privilegg ta' responsabbilta' limitata mill-Art. 67 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa assolutament duhhan, inveritier u falz u bl-ebda mod ma jista' qatt jigi ppruvat mis-socjeta` sekwestranta mhux l-

anqas ghaliex l-istess artikolu anqas biss jista' japplika ghalihom!

Illi l-esponenti sekwestrati japprezzaw illi fl-accertament tal-pretensjoni tas-socjeta` sekwestranta, din l-Onorabbli Qorti ghandha jdejha marbutin peress illi l-ezami li trid taghmel huwa biss accertament *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz minnha stess fil-kawza li tigi nstitwita bejn il-partijiet.

Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sommarju li ghamlet din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***"L-Avukat Adrian Delia noe vs European Insurance Group Limited (Rik. Nru. 1125/2012 JPG – 4 ta' Frar 2013)"*** fejn fiha ntqal kif gej:

*"Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi whud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.*

*Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza "***Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"*** *PA (GC) tas-26 t'April 2002 intqal hekk:-*

*"Skont l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew*

*gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

*Illi fid-digriet "Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et" (P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001 u "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad ukoll "li mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel iI-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

*Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet "Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti" (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002) inghad:-*

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".*

*Vide ukoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" – P.A. (RCP) tat-30 ta ` Mejju 2002) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" – P.A. (TM) tas-16 ta` Settembru 2002)."*

Illi fid-dawl tas-suespost is-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar umilment jissottomettu illi hemm provi bizzejjed *prima facie* illi l-ammont mitlub (anzi addirittura kwalunkwe ammont!) ma huwiex *prima facie* ġustifikat (Art. 836(1)(d)) u fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli jew gustifikabbli li jinżamm fis-seħħ fil-konfront taghhom l-att kawtelatorju *de quo* (Art. 836(1)(f));

**<u>Il-mandat fil-konfront ta' iLead Solutions Limited</u>**

Illi kif inghad fil-kawza fl-ismijiet:- ***"Dr. Carmel Chircop et. vs Dolphin Industrial Services Ltd (Rik. Nru. 598/2014 JPG – 30/07/2014)":*** *- "*

*"Il-ligi thalli f'idejn il-kreditur l-ghazla ta' kif jikkawtela l-pretensjoni tieghu, u cioe' ghazla f'idejn il-kreditur ta' liema Mandat Kawtelatorju hu l-aktar addattat, fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Dan ma jfissirx illi l-kreditur ghandu "via libera" li jikkalpesta lid-debitur bl-impozizzjoni ta' kawteli eccessivi, irdoppjati jew bla gustifikazzjoni. Hu precizament dan ir-raison d'etre tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, u cioe` l-protezzjoni tad-debitur minn mandati kawtelatorji eccessivi u irragonevoli tal-kreditur."*

Illi huwa ben risaput ukoll illi l-mandat jinhareg bir-responsabilita` tas-socjeta` sekwestranta li ma tantx

ghandha wisq x'taghmel ghajr li tipprova li *prima facie* ghandha dritt x'tikkawtela. F'dan ir-rigward pero` s-sekwestrata iLead Solutions Limited thoss illi s-socjeta' sekwestranta anqas biss gabet jew tista' ggib prova *prima facie* tal-allegat danni li sofriet, ta' kif **f'dan il-mandat** wasslet b'mod unilaterali ghal-likwidazzjoni ta' tali danni fl-ammont ta' mija u elf, mitejn sitta u disghin ewro u sitta u tletin centezmu (€101,296.36) **mentri fil-kawza miftuha** kontestwalment ma ghamlhietx hekk izda talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tkun hi li tillikwida d-danni vantati minnha, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax hlief issib illi l-ammont mitlub mis-sekwestrata m'huwiex *prima facie* gustifikat, anzi huwa irragonevoli u mahsub biss biex jikkalpesta lis-sekwestrati kollha;

**Talba ghall-hrug ta' penali**

Illi l-mandat *de quo* qieghed jsarraf fi pregudizzju kbir lis-sekwestrati kollha, b'mod partikolari ghas-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar mhux biss ghaliex qeghdin jigi mcahhda minn flejjes li ghandom depozitati fil-banek sekwestratarji (bis-sussegwenti telf ta' imghaxijiet) izda ukoll ghaliex qeghdin jigu mtellfa milli joperaw il-facilitajiet bankarji taghhom b'dan li qeghdin ibatu mhux ftit in-nisa u t-tfal tal-istess sekwestrati li huma lkoll ta' eta` minuri u jiddependu fuq il-genituri taghhom ghall-ghixien, sahha u edukazzjoni li ghandhom bzonn;

Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis ukoll illi l-socjeta' sekwestranta harget dan il-mandat kontra s-sekwestrati Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar meta

kienet taf illi dawn ma' kienu qatt parti mill-ftehim ta' bejniethom u ghalhekk huwa car illi t-talba taghha saret b'intenzjoni malizjuza u bla bzonn, mhijiex sorretta minn ebda bazi ta' dritt *prima facie* u l-iskop taghha kien mhux li jikkawtela dritt pretiz izda biss li igieghlhom jissokkombu minhabba din il-pressjoni ingusta minghajr ma jkollhom l-opportunita` jew il-mezzi li jiddefendu ruhhom. Ghaldaqstant jezisti lok ghal din l-Onorabbli Qorti sabiex timponi penali fuq l-istess socjeta` sekwestranta skont id-dispozizzjonijiet tal-Art. 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre jezisti lok ukoll ghal din l-Onorabbli Qorti sabiex timponi penali fuq l-istess socjeta' sekwestranta skont id-disposizzjonijiet tal-Art. 836(8)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi s-socjeta` sekwestranta naqset milli b'xi mod titlob lis-sekwestrati (jew imqar lil xi hadd minnhom) sabiex ihallsu d-danni vantati minnha jew sabiex jipprovdu sigurta` bizzejjed ghal tali hlas fi zmien hmistax (15)-il gurnata qabel ma' gie intavolat il-mandat *de quo* u certament ma jistax jitqies li kien hemm ragunijiet ta' urgenza f'dan ir-rigward. Fil-fatt ghandu jigi pprecizat illi l-ewwel darba illi s-sekwestrati saru jafu bil-pretensjoni ta' danni mis-socjeta` sekwestranta kontrihom kien proprju meta gew infurmati mill-banek taghhom bil-mandat *de quo*;

Ghaldaqstant premess is-suespost l-esponenti sekwestrati umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara illi *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-ammont mitlub mis-socjeta' sekwestranta m'huwiex *prima facie* gustifikat;

2. Tiddikjara illi *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh kontrihom il-mandat ta' sekwestru surreferit;

3. Tirrevoka l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju b'effett immedjat;

4. Tiddikjara illi t-talba tas-socjeta' sekwestranta ghall-hrug ta' dan il-mandat hija wahda malizzjuza, frivola u vessatorja *ai termini* tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara illi s-socjeta` sekwestranta minghajr gustifikazzjoni naqset milli b'xi mod titlob lis-sekwestrati sabiex jhallsu d-danni vantati minnha jew sabiex jipprovdu sigurta` bizzejjed ghal tali hlas fi zmien hmistax (15)-il gurnata qabel ma' gie intavolat il-mandat *de quo ai termini* tal-Artikolu 836(8)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta*;*

6. Tikkundanna lis-socjeta' sekwestranta thallas lill-esponenti sekwestrati penali ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12);

7. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li t-talba ghar-revoka tal-mandat ma tintlaqax, *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta din l-Onorabbli Qorti qed tintalab sabiex tordna lis-socjeta` sekwestranta sabiex fi zmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta fuqha u ghall-hlas tad-danni u imghax li tkun infliggiet fuq is-sekwestrati jekk eventwalment jirrizulta illi l-mertu tal-allegazzjonijiet taghha huwa infondat, u fin-nuqqas tordna t-tnehhija tal-mandat *de quo*;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` sekwestranta.

Rat id-digriet tas-6 ta' Ottubru 2015 ta' din il-Qorti fejn ordnat qabel xejn lir-rikorrent biex jesebixxi kopja legali tal-istess Mandat ta' Sekwestru. Ordnat in-notifika lill-kontro parti li permezz ta' nota fi zmien sebat (7) ijiem min-notifika tal- istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m' ghandhomx jintlaqghu; u appuntat r-rikors ghas-smigh ghall-24 ta' Novembru 2015 fid-9:30am.

Rat in-**Nota** ta' Digital Interactive Limited *ai termini* tal-Art. 836 (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 20 ta' Ottubru 2015 (fol 13) fejn esponiet:

<u>Preliminari</u>

1. Is-segwenti huma s-sottomissjonijiet tal-istanti għar-rikors imressaq *ai termini* tal-art. 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet

ta' Malta minn Ilead Solutions Ltd., Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar.

2. Qabel ma tgħaddi għat-tweġiba proprja tar-rikors odjern, l-esponenti tissottometti illi din l-Onorabbli Qorti għandha tqiegħed fil-ġenb aġġettivi bħal 'sfrenat', 'selvaġġ', 'abbusiv', 'diżonest', 'sfaċċat' u frażijiet bħal "duħħan", "tipprova ggib gharkupptejhom" u "qeghdin ibatu mhux ftit in-nisa u t-tfal tal-istess sekwestrati li huma lkoll ta' eta` minuri"; aġġettivi u frażijiet dawn użati biss sabiex jaghtu t-teatralita'`meħtieġa lil dawk l-atti ġudizzjarji li jkunu xi ftit jew wisq fjakki fl-argumentazzjonijiet mressqa.

3. Fil-mertu, jingħad f'din l-introduzzjoni li l-pretensjonijiet tal-esponenti kif imfissra permezz tal-mandat odjern huma ġustifikati ferm; il-mandat *de quo* huwa inoltre meħtieġ u ġustifikabbli u huwa raġjonevoli li dan jinżamm fis-seħħ. Għaldaqstant, it-talbiet mressqa permezz tar-rikors odjern għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u dan għas-segwenti raġunijiet:

Fatti u Proċedimenti ġudizzjarji

4. Permezz ta' skrittura privata datata 13 ta' Settembru 2013[1] il-kumpanija Digital Interactive Limited trasferiet u biegħet lill-kumpanija Ilead Solutions Limited l-*portal* desinjat bħala di-ve.com bid-drittijiet, kontenut, interessi u pretensjonijiet kollha tal-istess *portal*. Ilead Solutions Limited intrabtet hemmhekk li tassumi l-obbligi u l-garanziji

[1] Dok. 'A', hawn mehmuż.

kollha mogħtija minn Digital Interactive Limited favur il-Bank of Valletta p.l.c. limitatament u relattivament għas-self JEREMIE, **inkluż il-garanzi̇ji personali, dawk fi flus kontanti u kull rahan**, 'lli l-istess Digital Interactive Limited kienet tagħat in garanzija tal-ħlas lura tal-istess self kif viġġenti dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura surriferita. B'hekk il-kumpanija Ilead Solutions Limited obbligat ruħha li tassumi s-self JEREMIE u kif ukoll kull garanzija mogħtija mill-kumpanija Digital Interactive Limited kontra l-istess. It-trasferiment premess sar versu l-prezz ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000), liema somma kellha titħallas f'pagamenti rateali mensili ta' elf ewro (€1,000) sa mhux aktar tard mill-14 ta' Marzu 2015. **Sa minn qabel ma' ġiet iffirmata l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013, ir-rikorrenti kienu jafu li sabiex iwettqu l-pattijiet tal-istess ftehim, dawn kellhom jagħtu lil Bank of Valletta plc garanziji personali u rahan fil-forma ta' flus; fatt dan li bl-ebda mod ma jista' jiġi kontestat.**

5. Il-kumpanija Ilead Solutions Limited, flimkien mad-diretturi tagħha, **in kwantu dawn kienu l-uniku nies li setgħu jassumu** l-obbligu li jiggarantixxu s-self Jeremy **personalment**, naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom skont l-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013. Huma filfatt naqsu milli jassumu s-self JEREMIE u kif ukoll jissostitwixxu l-garanziji mogħtija mill-kumpanija rikorrenti kontra l-istess. Ir-rikorrenti fil-fatt ħallsu biss erba' (4) pagamenti rateali kontra l-istess self. Inoltre, mis-somma pattwita ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000), l-istess kumpanija ħallset biss is-somma ta' elf ewro (€1,000). B'hekk, jiġi

sottomess, ir-rikorrenti taw bidu għall-eżekuzzjoni tal-obbligi **kollha** tagħhom, inklużi dawk personali.

6. Hija s-sottomissjoni tal-esponenti li għal dan l-għemil tal-kumpanija ntimata trid twieġeb mhux biss l-istess iżda dawk il-persuni li, għall-għanijiet tagħhom kienu qegħdin imexxuha, u li abbużaw mill-privileġġ ta' responsabilita` limitata mogħti mill-Art. 67. tal-Kap. 386. tal-Liġijiet ta' Malta billi, *inter alia*, ma tawx lill-kumpanija Ilead Solutions Limited il-possibilita` reali li tilħaq l-għanijiet li għalihom ikkuntrattat fit-13 ta' Settembru 2013. Huwa saħansitra anke l-każ li d-diretturi tal-kumpanija Ilead Solutions Limited għamlu diversi pretensjonijiet, rappreżentazzjonijiet u stqarrijiet foloz, jew li jiżgwidaw – b'hekk l-aġir tal-persuni li finalment kellhom il-kontroll tal-kumpanija Ilead Solutions Limited kien wieħed qarrieqi u ntiż sabiex ma jiġux onorati l-obbligi assunti fl-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013.

7. Imbagħad, f'Novembru tas-sena 2014, il-kumpanija Ilead Solutions Limited, wara 'lli qatlet l-*portal* desinjat bħala di-ve.com,[2] liema *portal* għadu fil-pussess tagħha, ttrasferiet in-negozju tagħha relatata ma' *web management*, u allura dak fil-linja tal-iskrittura privata tat-13 ta' Settembru 2013 lil kumpanija bl-isem ta' Eyetech Limited [C53835].

8. In konsegwenza ta' dan l-aġir abbużiv, l-esponenti sofriet danni konsiderevoli b'tali mod li kemm-il darba t-talbiet tagħha fil-kawża fl-ismijiet Digital Interactive Limited

[2] L-esponenti tistieden lil din l-Onorabbli Qorti taċċedi fis-sit elettroniku www.di-ve.com sabiex tikkonferma dan.

(C53835) v. Ilead Solutions Limited (C59752) et (rikors ġuramentat numru 924/2015 LSO), ma jiġux milqugħha, hija ser issib ruħha mingħajr rimedju effettiv.

9. Fil-kawża msemmija fil-paragrafu preċedenti, filfatt, l-esponenti qiegħda titlob li din l-Onorabbli Qorti: *(1) tiddikjara illi l-intimati, jew min minnhom, naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013; (2) tiddikjara 'lli l-intimati, jew min minnhom abbużaw, u/jew kienu komparteċipi fl-abbuż, mill-privileġġ ta' responsabbilta' limitata mill-Art. 67 tal-.Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għalhekk tilfu l-istess privileġġ; (3) tiddikjara 'lli l-intimati jew min minnhom bbenefikaw illeċitamwent mill-abbuż u/jew komparteċipazzjoni fl-istess u li huma, jew min minnhom, huma għaldaqstant solidalment responsabbli versu l-kumpanija attriċi illimitatament; (4) twarrab għaldaqstant il-personalita' ġuridika separata tal-kumpanija Ilead Solutions Limited u żżomm lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli solidalment u illimitatament versu l-kumpanija attriċi fir-rispett tal-obbliġi assunti fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013; (5) tordna konsegwentement lill-intimati, jew min minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jottemporaw ruħhom mal-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013; (6) tiddikjara 'lli l-aġir tal-intimati, jew min minnhom, kkawża danni lill-kumpanija rikorrenti; (7) tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti skont it-talba preċedenti; (8) fin-nuqqas li l-intimati jew min minnhom jonqsu li jottemporaw ruħhom mal-eventwali ordni ta' din l-Onorabbli Qorti skont il-ħames talba jew fin-*

*nuqqas ta' akkoljiment tal-istess talba, tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-kumpanija rikorrenti d-danni skont it-talba preċedenti.*

<u>Il-mandat fil-konfront tad-diretturi ta' Ilead Solutions Limited - l-ilmenti tar-rikorrenti</u>

10. Ir-rikorrenti jressqu numru ta' lmenti in sostenn tat-talbiet tagħhom. Fl-umili fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti lanqas jaħtiġilha tiddedika wisq ħin għal uħud minnhom. Kif donnhom jaċċettaw anke r-rikorrenti, u mingħajr preġudizzju għal kull argument li ser jiġi mressaq f'dawn is-sottomissjonijet, l-istanti tiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti 'lli l-argument fil-mertu irid jiġi kkunsidrat bir-reqqa appożita fil-proċedura prinċipali tar-Rikors Ġuramentat bir-riferenza numru 924/2015 LSO; u ċioe' meta din l-Onorabbli Qorti tagħmel dak l-eżami dettaljat u skrutinju taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, eżerċizzju dan li ċertament imur oltre mill-parametri tal-proċeduri odjerni. Ma huwiex f'din l-istanza li din il-Qorti hija msejħa tidderimi t-talbiet tal-esponenti kif mfassla fil-proċediment prinċipali.

11. Fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna f'materja ta' interpretazzjoni tal-art. 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti tfakkar illi f'din l-istanza din l-Onorabbli Qorti hija msejħa biss sabiex tidderimi l-lanjanzi li jistgħu jirrintreaw fl-ambitu tal-artiklu msemmi. Proprju f'dan is-sens huwa l-pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta' Frar, 2015 (Rikors Numru. 1030/2014 AF) fil-proċeduri fl-ismijiet <u>Falcotrans Limited (C8284) v. Ocean</u>

& Sky Logistics Limited (C35012) u O & S Shipping Limited (C60596) fejn din l-Onorabbli Qorti tenniet is-segwenti:

*"Jibda biex jinghad illi: In linea ta' principju ghandu jigi enfasizzat illi d-dritt ta' kreditur li jikkawtela l-interessi tieghu sakemm id-dritt sostanstiv jigi definittivament determinat fil-proceduri fil-mertu m'ghandu qatt jitwarrab leggerment. Inoltre qed jigi enfasizzat ukoll illi kull ezami li taghmel il-Qorti fi proceduri ta' din ix-xorta huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn bl-iskrutinju profond jibqa' essenzjalment rizervat ghall-kawza fil-mertu. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Galea vs Lewis (29 ta' Lulju 2005) u l-gurisprudenza fiha citata."*

12. L-ewwel ilment tar-rikorrenti: ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn Digital Interactive Limited u d-diretturi ta' Ilead Solutions Limited peress li l-ftehim tat-13 ta' Settembru 2013 kien biss bejn iż-żewġ kumpaniji u għaldaqstant Josep Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar ma humiex il-leġittimi kuntraditturi tal-esponenti.

13. **Dan b'kull rispett ma hux minnu.** L-iskrittura in kwistjoni, u ċioe' dik tat-13 ta' Settembru 2015 tobbliga lil Ilead Solutions Limited: *"to take over all obligations and warranties guaranteed by Digital Interactive Limited in favour of Bank of Valletta plc limitedly to the relative Jeremy Loan including but not limited to the obligations arising from all the Lego 1s, any cash guarantees and pledges, presently in force and applicable today as well as*

*all obligations arising from the loan agreement signed by Bank of Valletta and Digital Interactive Limited (…)"* Kif diġa' ngħad, fil-jum li din l-iskrittura ġiet iffirmata, u anke qabel, ir-rikorrenti kollha kienu jafu x'kienu l-obbligi li kellhom jiġu assunti favur il-Bank of Valletta plc, u ċioe' garanziji personali (imsemmija fl-iskrittura bl-isem komuni tagħhom 'Lego 1s'), u depożitu ta' flus kontanti b'rahan (imsemmija fl-iskrittura bħala *cash guarantees and pledges*). **Il-kumpanija Ilead Solutions Limited, fil-personalita' ġuridika tagħha ċertament li setgħet potenzjalment (dan dejjem <u>kieku d-diretturi tagħha ppermettewlha tagħmel dan</u>) taqdi biss it-tieni minn dawn l-obbligi <u>iżda mhux l-ewwel wieħed</u>. Komodament, u komodament ħafna, ir-rikorrenti ma jgħidux fir-rikors tagħhom min, skont huma, kellu jforni l-garanziji personali pattwiti, u min allura kellu jkun responsabbli versu l-istanti li jagħmel dan.**

14. Argumenti ta' intenzjoni kuntrattwali, ta' xi spjega u x'ma spjegax in-Nutar Smith La Rosa huwa u jirrediġi din l-iskrittura, x'garanziji kien hemm viġġenti favur il-Bank of Valletta plc fit-13 ta' Settembru 2013, x'għamlu d-dirtetturi ta' Ilead Solutions Limited sabiex jonoraw il-garanziji li obbligaw ruħhom li jfornu eċċ. huma kollha argumenti fil-mertu u b'kull rispett ma humiex lokhom f'din il-proċedura speċjali. **Jiġi umilment sottomess li dak li trid tara din l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju huwa li *prima facie* jeżisti ness bejn l-istanti u dawk il-persuni, u ċioe' individwi, (u mhux kumpaniji, 'l għaliex dawn ma jistgħux ifornu garanziji personali) li kellhom, fil-**

**mument tal-intavolar tal-mandat odjern, il-kontroll tal-kumpanija Ilead Solutions Limited.**

15. **F'dan l-isfond, Dokument REV1 mehmuż mar-rikors odjern joqtol għal kollox kull argument tar-rikorrenti f'dan l-ilment tagħhom. Jidher ċar minn dan id-dokument li tlieta minn erbgħa azzjonisti ta' Ilead Solutions Limited huma kumpaniji; l-esponenti tistaqsi, min jekk mhux id-diretturi allura, li wara kollox ikkuntrattaw mal-istanti, kienu ser ifornu l-garanziji <u>personali</u> meħtieġa?!** L-esponenti jisħqu ferm fuq il-fatt li fir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti ma jsemmu xejn dwar dan il-punt; dan sintendi 'l għaliex hekk jaqblilhom. It-tweġiba għall-mistoqsija surriferita, li għall-istanti hija waħda evidenti, toħloq dak in-ness li r-rikorrenti tant jilmentaw li ma jeżistix.

16. L-esponenti jiġbdu wkoll l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għas-segwenti stipulazzjoni tal-ftehim tat-13 ta' Settembru 2013: *"(…) provided that in the event that the conditions imposed by the Bank of Valletta plc are reasonably more onerous on Ilead Solutions Limited then the parties bind themselves to renegotiate this agreement."* L-esponenti jissottomettu li ebda mir-rikorrenti **<u>qatt</u>** ma utilizza din il-fakulta' mogħtija fil-kontrattazzjoni bejn il-partijiet; u dan gaħliex ir-rikorrenti ma kellhom ebda xkiel li jeżegwixxu l-iskrittura msemmija. **Għażlu biss, moħħhom mistrieħ li ħadd ma seta' jenforza kontra Ilead Solutions Limited 'l għaliex din il-kumpanija, kif mistqarr minnhom stess, hija essenzjalment vojta, li ma jibqgħux jonoraw l-obbligi kuntrattwali tagħhom.**

17. <u>It-tieni lment tar-rikorrenti</u>: id-diretturi ma humiex passibbli għal proċedura ta' *lifting* jew *piercing* of the *corporate veil* u li l-odjerna ma hijiex ċirkustanza li tippermetti tali *lifting* jew *piercing*.

18. Jibda' biex jingħad li kull argument msejjes fuq ir-rarita' ta' pronunzjament fejn il-*corporate veil* ġie tassew *lifted* u argumenti dwar il-fatt li l-istanti għamlitha fatta li ser ikollha eżitu favorevoli għat-talbiet tagħha fil-proċediment prinċipali huma puerili għall-aħħar. Dwar l-ewwel argument ma huwiex meħtieġ kumment; dwar it-tieni, l-istanti tfakkar li l-odjern huwa mandat kawtelatorju, intiż sabiex iqiegħed fiż-żgur pretensjonijiet li ser jiġu deċiżi fil-futur.

19. Fit-tieni lok, jiġi sottomess illi hija u tidderimi dan l-ilment tar-rikorrenti din l-Onorabbli Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha it-talbiet tal-istanti fil-proċediment prinċipali f'liema l-esponenti ser turi 'lli r-rikorrenti naqsu milli jonoraw l-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013 filwaqt li abbużaw mill-privileġġ ta' responsabbilta` limitata ta' Ilead Solutions Limited sabiex b'hekk dawn għandhom jinżammu responsabbli solidalment u illimitatament versu l-esponenti fir-rispett tal-obbliġi assunti fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013 u fir-rispett tad-danni sofferit mill-istess.

20. Il-vertenza odjerna tmur filfatt ferm oltre minn eżerċizzju akkademiku ta' *lifting* jew *piercing of the corporate veil* kif qiegħdin jippruvaw ipinġuħ ir-rikorrenti. Din l-Onorabbli Qorti ser tiġi msejjħa sabiex tinterpreta l-

obbligi surriferiti kif assunti mir-rikorrenti odjerni u li għalihom iridu jwieġbu kollha kemm huma, u tiddikjara l-abbuż premess (hekk kif hija tisma' l-evidenza) u r-responsabbilta' solidali tar-rikorrenti odjerni kollha. **L-esponenti tifhem li f'dan l-istadju jkun sufficjenti li turi li din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrenti kollha jistgħu ikunu passibbli għall-azzjoni tagħha.**

21. F'dan is-sens, l-istanti tagħmel riferenza għal dak fuq sottomess u tirribadixxi li għas-sempliċi mod kif ir-rikorrenti assumew l-obbligi tagħhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013 huma passibbli għall-azzjoni tagħha kif proposta.

22. B'żieda ma' dan l-istanti tagħmel riferenza għall-pronunzjament ta' Lord Denning fil-kawża Ingliża fl-ismijiet Littlewoods Mail Order Stores Limited v. IRC (1969) fejn ingħad illi *incorporation*: *"has often been supposed to cast a veil over the personality of a limited company through which the courts cannot see. But that is not true. The Courts can and often draw aside the veil. They can often do, pull off the mask."* Jibqa' allura biex wieħed jara jekk direttur jistax ikun passibbli għat-tneħħija ta' din il-maskla.

23. L-allegazzjoni tar-rikorrenti li diretturi ma jistgħu qatt ikunu passibbli għal *lifting* jew *piercing* of the *corporate veil* ma ssibx konfort kemm fil-liġi u kif ukoll f'numru ta' pronunzjament oħrajn tal-Qrati tagħna. L-art. 315 u 316 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, per eżempju, jippermetti dan f'każijiet ta' kummerċ bi frodi u kummerċ ħażin. Dawn l-artikoli japlikaw *inter alia*, meta kumpanija tkun insolventi.

F'dan l-isfond, l-esponenti tagħmel riferenza għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Nevada Limited et v. Hubert Mifsud et noe</u> (16 ta' Frar, 2004; riferenza 1659/1995/1) fejn ingħad illi: *"Ghandu jkun pacifiku li fejn jirrizulta li socjeta' tintuza bi skop li jigu evitati obbligi personali, il-Qrati ghandhom is-setgha li joqghodu fuq il-verita sostantiva u mhux lejn il-finzjonijiet legali. Il-persunalita' guridika separata moghtija lis-socjetajiet titqies bhala privilegg moghti mil-ligi, u dan m'ghandux jigi abbuzat. (…) Fejn socjeta' tkun kompartecipi f'operat ghandha gustament tinzamm responsabbli in solidum ma min ikun assuma l-obbligu principali."* – f'dan il-każ, u għar-raġunijiet fuq diġa' spjegati, id-diretturi tagħha. **Inoltre fil-kawża Ingliża <u>Williams v. Natural Life Health Foods Limited</u>** [1998] UKHL 17, **il-House of Lords ikkunsidrat li direttur jista' jitqies personalment responsabbli jekk kemm-il darba wieħed ikun straħ fuq l-assunzjoni li tali direttur kien ser ikun personalment responsabbli fil-konfront tiegħu sabiex b'hekk tiġi maħluqa relazzjoni partikolari bejn tali persuna u d-direttur fil-veċi personali tiegħu – *"There must have been an assumption of responsibility such as to create a special relationship with the director or employee himself. (…) The enquiry must be whether the director, or anybody on his behalf, conveyed directly or indirectly to the prospective franchisees that the director assumed personal responsibility towards the prospective franchisees. An example of such a case being established is Fairline Shipping Corp v Adamson [1975] QB 180. (…) Returning to the particular question before the House it is important to make clear that a***

***director of a contracting company may only be held liable where it is established by evidence that he assumed personal liability and that there was the necessary reliance."***

24. Fil-kawża fl-ismijiet Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri (19 ta' Lulju, 2013; riferenza 1624/1992/1) il-*corporate veil* ġie tassew lifted u d-diretturi tal-kumpanija ġew ordati jħallsu lill-eredi ta' wieħed mill-impjegati tagħha wara li ppruvaw jevadu ir-responsabbiltajiet tagħhom billi jillikwidaw il-kumpanija wara inċident. Jissemmew ukoll il-pronunzjamenti ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet Dr Andrew Borg Cardona bhala stralcarju ghan-nom u in rapprezentaza ta' Priceclub Operators Limited v. Priceclub (Holdings) Limited u b'digriet tas-6 ta' Mejju, 2003, gew kjamati in kawza Victor Zammit, Christopher gauci, Wallace Fino, Biochemicals International Limited u 2000 Holdings Limited (12 ta' Ottubru, 2007; rikors numru 24/2003) fejn ingħad illi: *"Fis-sentenzi ta' din il-Qorti mogħtija llum stess fil-kawzi numru 26/03 numru 27/03, din il-Qorti sabet li t-tlett diretturi kienu responsabbli ta' kummerc hazin u ta' kummerc bi fordi, bir-rizultat li dawn gew dikjarati responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilta' ghad-djun kollha tal-kumpanija."*

25. Fil-kawża fl-ismijiet Dr Andrew Borg Cardona bhala stralcarju ghan-nom u in rapprezentaza ta' Priceclub Operators Limited v. Priceclub (Holdings) Limited u b'digriet tas-6 ta' Mejju, 2003, gew kjamati in kawza Victor Zammit, Christopher gauci, Wallace Fino, Biochemicals

International Limited u 2000 Holdings Limited (12 ta' Ottubru, 2007; rikors numru 25/2003) ġie rikonoxxjut ukoll l-involviment dirett ta' persuna jew persuni li, lil hinn min-nomenklatura tagħhom kellhom it-tmexxija operattiva ta' kumpanija; intqal hawnhekk illi: *"F'dan il-kaz, il-kumpanija Priceclub (Operators) kienet mhux biss kumpanija sussidjarja fil-grupp, pero' imexxija mill-holding company b'mod dirett u immedjat, fis-sens li ħafna obbligi u djun li gew impost fuq din il-kumpanija susidjarja gew hekk impost fl-interess tal-holding company, tad-diretturi u/jew tal-kumpaniji personali taghhom. Il-kumpanija Priceclub Holdings kienet il-"persuna" li kienet qed tmexxi l-kumpanija operattiva, u, għalhekk darba li din l-ahhar kumpanija spiccat fi stat ta' falliment, ma jkunx sew li dik il-"persuna" li kienet qed tmexxiha ma tassumix hi wkoll responsabilita' ghall-akkadut."*

26. Dawn il-pronunzjamenti lkoll juru li dak allegat mir-rikorrenti f'dan it-tieni lment tagħhom ma jsibx konfort ġudizzjarju. **Dan apparti l-fatt l-iktar importanti li r-rikorrenti ma tawħx id-debit piż u ċioe' dak li sabiex it-talbiet tal-esponenti fil-proċediment prinċipali jiġu akkolti b'suċċess ma jeħtieġux l-akkoljiment tat-tieni, t-tielet, u r-raba' talba mressqa fil-proċediment prinċipali biex b'hekk l-istess vertenza prinċipali tista' tiġi deċiża, anke, prettament mill-aspett ċivili wara nterpretazzjoni tal-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013.**

Il-mandat fil-konfront ta' Ilead Solutions Limited - l-ilmenti tar-rikorrenti

27. L-esponenti tistqarr li ma tistax tifhem ir-relevanza tal-bran ċitat mir-rikorrenti meta hija pproċediet b'att kawtelatorju uniku, u ċioe' dak preżenti.

28. **Il-fatt li r-rikorrenti lanqas jistgħu jifhmu kif l-esponenti waslet għas-somma kawtelata juri kemm l-istess rikorrenti filfatt injoraw l-obbligi minnhom assunti fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013!**

29. Il-kumpanija Ilead Solutions Limited, flimkien mad-diretturi tagħha, firmatarji fuq l-istess skrittura surriferita, naqsu milli jassumu s-self JEREMIE u kif ukoll jissostitwixxu l-garanziji mogħtija mill-kumpanija rikorrenti kontra l-istess. Il-kumpanija Ilead Solutions Limited filfatt ħallset biss erba' (4) pagamenti rateali kontra l-istess self. Inoltre, mis-somma pattwita ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000), l-istess kumpanija ħallset biss is-somma ta' elf ewro (€1,000). Fit-13 ta' Settembru 2013 il-faċilita' bankarja JEREMIE kienet tikkonsisti f'passiv ta' €76,842.94; fid-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni din kienet tikkonsisti f'passiv ta' madwar €87,296.36. Din is-somma ma tiehux qies ta' xi hlasijiet li kellha taghmel l-esponenti. Jekk ma' din is-somma jiżdied il-bilanċ dovut ta' €14,000, wiħed jasal għall-ammont kawtelat ta' €101,296.36. **<u>Ammont dan li kieku r-rikorrenti onoraw l-obbligi assunti minnhom fuq l-iskrittura tat-13 ta' Settembru 2013 kien jitħallas minnhom minflok ikun a karigu tal-esponenti.</u>**

30. L-esponenti irnexxielha tipprova, anke lil hinn mill-grad *prima facie* illi hija għandha dritt x'tikkawtela kontra r-rikorrenti kollha. Mill-banda l-oħra x'ippruvaw ir-rikorrenti?

Ressqu prova *prima facie* in sostenn tal-aplikazzjoni tal-art. 836 (1) (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta? Ir-risposta ma tistax ħlief tkun fin-negattiv. Ir-rikors odjern huwa msejjes fuq l-art. 836 (1) (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li fir-rispett tas-subartiklu (d) li dak li qiegħdin jattakkaw ir-rikorrenti hija l-ġustifikazzjoni *prima facie* tal-mandat u mhux jekk dan huwiex eċċessiv. **F'dan ir-rigward, japplikaw l-argumenti surriferiti.** Ir-rikorrenti jestendu l-istess argumentazzjoni tagħhom (li hija essenzjalment waħda) fir-rispett imbagħad tas-subartiklu (f) u jużaw l-istess argumentazzjoni sabiex jittantaw jattakkaw ir-raġjonevolezza tal-mandat. **U anke f'dan ir-rispett japplikaw l-argumenti surriferiti.**

31. Huwa daqstant ieħor irriżorju l-argument tar-rikorrenti li l-mandat odjern ma huwiex *prima facie* ġustifikat 'l għaliex fil-proċediment prinċipali din l-Onorabbli Qorti ntalbet tillikwida d-danni meta ai finijiet tal-mandat in kwistjoni l-esponenti llikwidaw huma stess il-pretensjoni tagħhom. **B'dan l-argument tar-rikorrenti ebda kawża għad-danni ma tista' qatt tkun akkumpannjata mill-kawtelatorju!** F'din il-parti tar-rikors odjern, ir-rikorrenti inoltre donnhom jinsew li l-proċediment prinċipali ma huwiex biss wieħed intiż għal dikjarazzjoni, likwidazzjoni u riżarċiment ta' danni.

<u>Penali</u>

32. In sostenn ta' din it-talba tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw l-intenzjoni malizzjuża. Jissoreġu din l-allegazzjoni tagħhom bl-istess argument li jidwi mar-rikors

kollu u ċioe' l-pretensjoni tad-dritt tal-esponenti fil-konfront ta' Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar. **Dwar dan l-argument l-esponenti tħoss li diġa ssottomettiet biżżejjed.**

33. Iġġib pero' a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti 'lli minkejja t-'tbatija', il-'pressjoni nġusta' u s-'sokkombenza' kollha allegata mir-rikorrenti, sad-data tal-preżentata ta' din ir-risposta, **l-esponenti ma ġiet notifikata b'ebda ċedola ta' depożitu. Altru milli r-rikorrenti ma għandhomx il-mezzi biex jiddefendu ruħhom!**

34. Fit-talba tagħhom sabiex din l-Onorabbli Qorti tuża s-setgħat mogħtija lilha mill-art. 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti qiegħdin jinvokaw is-subartikoli (b) u (d) tal-istess artiklu. Dwar l-ewwel miż-żewġ subartikoli, l-esponenti tistqarr li ma tistax tifhem l-ilmet tar-rikorrenti relatat maż-żmien tal-ħmistax-il jum; dan partikolarment in vista tal-interpellanzi li għamlet l-esponenti u tal-fatt li r-rikorrenti saħansitra wieġbu għall-istess. Serje twila ta' korrispondenza mingħajr preġudizzju segwiet dawn iż-żewġ ittri; din l-Onorabbli Qorti ċeratment tifhem pero' li l-esponenti hija prekluża milli tippreżenta din il-korrispodenza stante li għaddiet bejn l-avukati u l-partijiet fuq bażi 'mingħajr preġudizzju'.[3] Dwar it-tieni miż-żewġ subartikoli msemmija l-esponenti terġa ttenni li l-pretensjonijiet tagħha huma ġustifikati ferm u li l-mandat *de quo* huwa inoltre meħtieġ u ġustifikabbli u huwa raġjonevoli li dan jinżamm fis-seħħ. L-esponenti tissottometti umilment

[3] Dok. 'B' hawn mehmuż.

illi ebda mir-rekwiżiti mposti mill-art. 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma huma preżenti fil-każ odjern u għaldaqstant kull talba msejsa fuq l-istess hija irritwali. **Anke mad-daqqa t'għajn huwa evidenti li l-esponenti ressqet il-kawża dwar it-talba prinċipali fiż-żmien stabbilit bil-liġi; ġġustifikat li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, preċedietu b'diversi nterpellanzi bonarji, u ddiriġietu lejn debituri li ċ-ċirkostanzi tal-likwidita' u l-kapaċita finanzjarja tagħhom ma kienux, u ma setgħux ikunu, magħrufa.**

35. Huwa inoltre risaput illi sabiex il-Qorti teżerċita s-setgħat mogħtija lilha mill-art. 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li tinġibilha raġuni li tirrientra fil-parametri tal-istess artiklu. Tali raġuni ċertament ma tressqitx.[4]

36. F'dan l-isfond l-esponenti tagħmel riferenza għall-pronunzjament fl-ismijiet <u>Blye Engineering Co. Ltd. v. Paolo Bonnici Ltd.</u>, (7 ta' Lulju 2004), fejn ingħad illi:

"*Huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

[4] Ara l-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rikors bl-ismijiet <u>Falcotrans Limited (C8284) v. Ocean & Sky Logistics Limited (C35012) u O & S Shipping Limited (C60596)</u> (deċiż fis-26 ta' Frar, 2015, Rikors Numru. 1031/2014).

*Tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza."*

37. Ir-rikorrenti qiegħdin ukoll jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-esponenti tagħti garanzija fil-Liġi fit-termini tal-art. 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponenti tiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti 'lli tali artiklu jiddependi fuq it-turija ta' kawża ġusta li ċertament ir-rikorrenti ma wrewx fir-rikors tagħhom. **S'intendi għandu jkun mifhum li l-aplikazzjoni *o meno* ta' dan id-disposta tal-Liġi ser neċessarjament jiddependi mid-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fuq it-talbiet preċedenti fir-rikors odjern; għalhekk l-argument diġa' miġjuba għandhom japplikaw bi sħiħ anke għal din it-talba.** Kif diġa sottomess, ma hemm assolutament ebda raġuni 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha timponi penali u danni fuq l-esponenti; konsegwentement tali garanzija zgur li ma hijiex meħtieġa.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Antoine Naudi ghas-socjeta` rikorrenti rapprezentata minn Patrick Cutajar u Joseph Aquilina fl-Awla. Dehru Dr Keith Borg u Dr Vince

Micallef ghas-socjeta` intimata rapprezentata minn Christopher Sultana fl-Awla. Il-Qorti provdiet sabiex il-kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru jinhareg mill-atti tar-rikors guramentat u jigi nserit fl-atti odjerni biex jaghmel parti ntegrali mill-istess. Ghal kull *buon fini* d-difensuri tal-partijiet jaqblu li l-ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti huwa dak esebit bhala Dok A anness mar-rikors guramentat 924/2015/LSO. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tar-Rikors Revoka ta' Dr Antoine Naudi u ta' Dr Keith Borg, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors qed jigi differit ghall-10 ta' Dicembru 2015 fid-9:30a.m. ghal digriet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu rikors ipprezentat minn Joseph Aquilina, Mark Aquilina, Patrick Cutajar u iLead Solutions Limited ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1544/15[5] li inhareg fuq talba tal-intimat ezekutant Digital Interactive Limited fit-30 ta' Settembru 2015. Il-Mandat premess inhareg in kawtela tal-ammont ta' €101,296.36 rapprezentanti obbligazzjonijiet assunti u danni konsegwenzjali ghall-inadempiment ta' ftehim datat t-13 ta' Settembru 2013 bejn is-socjeta' sekwestranti, u s-socjeta` iLead Solutions Limited.

Illi jirrizulta mill-atti esebiti li fit-13 ta' Settembru 2013 gie ffirmat ftehim bejn Digital Interactive Limited u iLead

[5] Esebit a fol.29 sa 32 tal-process.

Solutions Limited fejn il-kumpanija Digital Interactive Limited trasferiet u biegħet lill-kumpanija Ilead Solutions Limited l-*portal* desinjat bħala di-ve.com bid-drittijiet, kontenut, interessi u pretensjonijiet kollha tal-istess *portal*. Ilead Solutions Limited intrabtet hemmhekk li tassumi l-obbligi u l-garanziji kollha mogħtija minn Digital Interactive Limited favur il-Bank of Valletta p.l.c. limitatament u relattivament għas-self Jeremy, inkluż il-garanziji personali, dawk fi flus kontanti u kull rahan illi l-istess Digital Interactive Limited kienet tagħat in garanzija tal-ħlas lura tal-istess self kif viġenti dakinhar tal-iffirmar tal-iskrittura surriferita. B'hekk il-kumpanija Ilead Solutions Limited obbligat ruħha li tassumi s-self Jeremy kif ukoll kull garanzija mogħtija mill-kumpanija Digital Interactive Limited kontra l-istess.

Illi l-klawsola operativa tipprovdi hekk:

"*Ilead Solutions Limited binds itself to take over all obligations and warranties guaranteed by Digital Interactive Limited in favour of Bank of Valletta plc, limitedly to the relative Jeremy Loan including but not limited to the obligations arising from all the Lego 1s, any cash guarantees and pledges, presently in force and applicable today as well as all obligations arising from the loan agreement signed by Bank of Valletta and Digital Interactive Limited and its shareholders and to this effect that the Bank of Valletta shall release Digital Interactive Limited from all its rights and obligations arising from the Jeremy loan abovementioned to the effect that Ilead Solutions shall take over any loan repayments as from*

*today and all guarantees from Digital Interactive Limited in favour of Bank of Valletta plc provided that in the event that the conditions imposed by the Bank of Valletta plc are reasonably more onerous on Ilead Solutions Limited then the parties bind themselves to renegotiate this agreement."*

Jirrizulta li dan il-ftehim gie kkuntrattat biss bejn iz-zewg kumpaniji kontendenti u ffirmat minn Tonio Farrugia, Joseph Aquilina u Patrick Cutajar ghan-nom u fl-interess ta' Ilead Solutions Limited. Ghalhekk huwa car li ma ffirmawx *de proprio* filwaqt li r-rikorrent sekwestrat Mark Aquilina lanqas biss kien firmatarju.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>**

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kap 12 li jipprovdi:**

**"*836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l- att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li*

*dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Fil-kuntest tal-proceduri odjerni, hemm qbil li l-indagni ta' din il-Qorti hija limitata ghall-valutazzjoni *prima facie* tal-jeddijiet tas-sekwestranti.[6] Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. (**"Vincent Mercieca vs George Galea"** – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited"** – P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Riferibbilment ghall-artikolu **836(1)(d)** fid-decizjoni **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L) 5 ta' Settembru 2008) inghad li bid-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1)(d)** dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa ta' ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("*fumus juris*"*).* Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantattiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Riferibbilment ghall-**artikolu 836(1)(f)** din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Spiteri v Darmanin "*** - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju

[6] **"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co Ltd"**

dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartikolu u rritieniet: *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ*[7]*. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ*;"

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab inizio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux.

**Applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz odjern**

**L-ewwel Lanjanza-** Nuqqas ta' rabta giuridika bejn is-sekwestranti u l-intimati kollha *eccetto* Ilead Solutions Limited.

Ir-rikorrenti *proprio* jishqu li ma ffirmawx il-ftehim fil-vesti personali taghhom imma biss in rapprezentanza tas-socjeta' debitrici. Fil-kaz ta' Mark Aquilina, lanqas biss iffirma l-ftehim.

Ir-rikorrenti odjerni jghidu li l-pern ta' kollox huwa l-*corporate veil* - ossia l-privilegg moghti lill-azzjonisti f' kumpanija li ma jwiegbux personalment ghall-obbligazzjonijiet tal-kumpanija hlief ghall-ammont, jekk ikun

[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***"Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"***

hemm, li ma jkunx thallas mill-azzjonist fuq l-ishma mizmuma minnu u dan fit-termini tal-**artikolu 67 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Fit-termini stretti ta' din il-klawsola, r-rikorrenti odjerni ghandhom ragun. Izda minn ezami tal-obbligazzjonijiet assunti minn Ilead Solutions Limited skont il-ftehim esebit, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha, f'dan l-istadju, tikkonferma l-mandat anke fil-konfront tar-rikorrenti personalment u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn spjegati.

Kif jirrizulta minn qari anke superficjali tal-ftehim in mertu, Ilead Solutions intrabtet mhux biss li tassumi l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-hekk imsejjah Jeremy Loan mal-Bank of Valletta plc imma, "*including but not limited to the obligations arising from all the Lego 1s, any cash guarantees and pledges, presently in force and applicable today as well as all obligations arising from the loan agreement signed by Bank of Valletta and Digital Interactive Limited and its shareholders." (sottolinear tal-Qorti).*

Dan il-ftehim jirreferi ghall-garanziji personali rapprezentati mir-riferenza ghall-Lego1's kif ukoll ghall-obbligazzjonijiet assunti mill-azzjonisti ta' Digital Interactive Limited.

Illi jirrizulta li l-azzjonisti tas-socjeta' sekwestrata huma s-segwenti[8]:

[8] **Dok REV 1** anness mar-rikors

EUAF Business Services Limited
ISL Marketing Limited
Target I.T. Limited
Omar Said

filwaqt li d-diretturi u r-rapprezentanti giuridici u legali huma Joseph Aquilina, Mark Aquilina u Patrick Cutajar. Mark Aquilina huwa wkoll is-segretarju tal-kumpanija .

Madanakollu l-partijiet ma tawx hjiel dwar l-istruttura tal-kumpaniji azzjonisti, u jekk it-tliet persuni fuq citati huma d-diretturi, azzjonisti maggoritarji u rapprezentanti ta' dawn il-kumpaniji.

Illi, izda, wara li semghet lill-partijiet u rat id-dokumenti esebiti, tifhem li l-qofol tar-rabtiet mahluqa jinsab fil-ftehim tat-13 ta' Settembru 2013. Taqbel li f'dan l-istadju preliminari mhuwiex il-kompitu taghha li taghmel gudizzju fuq it-tifsira tal-obbligazzjonijiet assunti, u dawk ir-rabtiet li kienu vigenti bejn il-Bank kreditur u Digital Interactive Limited u/jew l-azzjonisti taghha. Imma jrid jigi rikonoxxut li huma dawn ir-rabtiet <u>kollha</u> li gew ittrasferiti lis-socjeta' akkwirenti. Certament il-kliem testwali tal-klawsola fuq rapportata jgieghlu lill-Qorti biex thares il-hinn minn semplici rabta bejn zewg socjetajiet u thalli spazju ghall-possibilita' ta' konvolgiment tal-azzjonisti tas-socjeta' Ilead Solutions Limited favur Digital Interactive Limited u per konsegwenza, tal-persuni li jmexxu u jirrapprezentaw lil dawn is-socjetajiet. Dan jipprexxindi mill-kwistjoni tal-*lifting of the corporate veil* li d-difensuri tal-kontendenti elokwentement ittrattaw quddiemha u hija pjuttost

konsegwenzjali u marbuta mal-interpretazzjoni ordinarja u naturali tal-obbligazzjonijiet kontrattwali imfissra fl-iskrittura bejn il-kontendenti. Il-kliem pjuttost wiesgha tal-ftehim senjatament fejn huma imsemmija l-garanziji u l-lego1s u r-riferenza espressa ghall-azzjonisti ta' Digital Interactive Limited jikkonfortaw fuq bazi *prima facie* t-talba maghmula ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru.

Din l-obbligazzjoni tista' fuq bazi *prima facie*, tohloq relazzjoni giuridika. Fil-kaz ta' Mark Aquilina, huwa minnu li hu ma ffirmax il-ftehim izda jirrizulta li huwa Direttur, rapprezentant giuridiku u legali u anke segretarju tal-kumpanija Ilead Solutions Limited u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq imfissra, m'ghandux jigi ezonerat f'dan l-istadju hekk preliminari.

Il-Qorti qed tissotolineja l-aspett tal-*prima facie* ghaliex huwa pacifiku li l-hrug ta' mandat ma jfissirx gudizzju definittiv u l-indagni fil-kontenzjus ghadu lanqas inbeda. Taht din l-ottika, t-talba odjerna tista' anke titqies intempestiva.

**It-Tieni Lanjanza - Kontra Ilead Solutions Limited**

Ir-rikorrenti odjerna ssottomettiet li l-mandat ma kienx gustifikat billi s-socjeta' sekwestranti ma gabitx prova tad-danni kif hekk likwidati fir-rikors ghall-hrug tal-mandat. Effettivament jirrizulta mill-ezami tar-rikors li l-ammont likwidat kien ddikjarat li jirraprezenta t-talba taghha kif promossa fir-rikors guramentat li kopja tieghu kien mehmuz mat-talba ghall-hrug tal-mandat. Fir-rikors guramentat gie

premess li s-socjeta` kreditrici kienet qed titlob il-hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz tat-trasferiment kif ukoll l-ammont dovut fuq is-self mal-Bank of Valletta plc. Fir-risposta taghha ghar-rikors odjern Digital Interactive Limited spjegat li wasslet ghas-somma pretiza billi kkalkolat s-somma ta' €14000 bilanc fuq il-prezz flimkien mas-somma dovuta lill-Bank ta' €87,296.36. (para 29 tan-Nota a fol 19).

Ikkonsidrat li mhuwiex eskluz ghall-kreditur li jillikwida ammont ghall-fini tat-talba ghall-hrug ta' mandat sabiex b'hekk ikun jista' jikkawtela d-danni ragjonevolment previsti. Fil-kaz odjern ma hemm xejn li jinduci lil Qorti li tikkonkludi li d-danni hekk likwidati kienu esagerati, fiergha jew irragjonevoli imma huma strettament attinenti ghall-obbligazzjonijiet imsemmija fil-ftehim li huwa l-qofol ta' dan il-kaz.

**Art.836(8) (b) u (d) tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi saret talba wkoll sabiex is-sekwestranti jigu kkundannati ihallsu penali abbazi tal-**artikolu 836 (8) (b) u (d) tal-Kap. 12.**

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-

liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[9] (*vide* **Farrugia v C & F Building Contractors Ltd** (PA(JRM) - 14 ta' Awwissu 2014).

Illi izda nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[10]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.

Ir-rikorrenti odjerni jghidu li s-socjeta' sekwestranti naqqset milli b'xi mod titlob lis-sekwestrati sabiex ihallsu d-danni vantati kif ukoll billi t-talba kienet wahda malizzjusa, frivola jew vessatorja.

Riferibbilment ghall-836(8)(b) l-intimata odjerna esebiet kopja ta' korrispondenza bejn iz-zewg kumpaniji. Inoltre jirrizulta mhux kontestat li kien hemm komunikazzjonijiet bejn iz-zewg socjetajiet. L-intimata odjerna sahhqet li kienet prekluza milli tesibixxi l-korrispondenza billi din intbaghtet minghajr pregiudizzju. L-ittri esebiti jirrisalu sa April 2014 u hija ragjonevoli li tiddesumi li kienu segwiti b'korrispondenza ulterjuri. Ghalhekk ma jistax jinghad li r-rikorrenti ma kienux konsapevoli tal-vertenza.

---

[9] Ara P.A. TM 13.3.2003 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.**
[10] App. Ċiv. 13.3.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**

Riferibbilment ghall-artikolu 836(8)(d) ma ntweriex li l-pretensjoni tas-socjeta' sekwestranta hija waħda fiergħa u lanqas saret b'malizja imma ssegwi mill-patt kuntrattwali. Dan bl-applikazzjoni tal-principju li l-*bona fede* hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[11].

**Art 838A - Garanzija**

Ir-rikorrenti, qed jitolbu sussidjarjament li l-intimata tigi ordnata taghti garanzija idonea sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez u d-danni li jistghu jsofru.

Illi r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[12]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn.

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[13]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni.

[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv 7.7.1920 fil-kawża fl-ismijiet **Miller Blacker pro et noe vs Howard** (Kollez. Vol: XXIV.i.554).
[12] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd***
[13] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[14], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[15] minħabba l-istess Mandat.

Illi kif inghad fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni **"Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** (P.A. – 30 ta' Gunju 2000) :-

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta…."*

Fil-fehma tal-Qorti ma intweriex li l-mandat inhareg abbuzivament u lanqas huwa eccessiv. Il-fatt li jista' jirreka' diffikoltajiet lid-debituri ezekutati mhuwiex, fih innifsu, kawza gusta ghall-iskop ta' dan l-artikolu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq riferiti din il-Qorti thoss li f'dan l-istadju ma hemm l-ebda bazi sabiex tintalab l-istess garanzija. Dan ghaliex jidher li l-intimata ezekutanti agixxiet

[14] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[15] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

biss in kawtela tal-pretenzjonijiet taghha u ma jidhirx li qed isir abbuz f'dan l-istadju mill-istess procedura.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad it-talbiet** billi mhumiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez** jithallsu mir-rikorrenti *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Dicembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Dicembru 2015**